Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 101/20**
Il-Lussemburgu, 9 ta’ Settembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża T-626/17
Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni

# Il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors tas-Slovenja intiż għall-annullament tar-Regolament Delegat li jipprovdi li l-isem “Teran” jista’ jissemma fuq it-tikketta tal-inbejjed Kroati

Fis-sentenza Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni (T-626/17), mogħtija fid-9 ta’ Settembru 2020, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tas-Slovenja intiż għall-annullament tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1353 [1] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament ikkontestat”) li jipprovdi li l-isem “Teran” jista’ jissemma, taħt kundizzjonijiet stretti, bħala varjetà ta’ għeneb tal-inbid fuq it-tikketta tal-inbejjed prodotti fil-Kroazja.

Ir-rikors kien jikkonċerna l-isem tal-inbid “Teran”, użat kemm fis-Slovenja u kemm fil-Kroazja. Sa mill-adeżjoni tas-Slovenja mal-Unjoni Ewropea, dan l-isem seta’ jidher fuq it-tikkettar ta’ ċerti nbejjed Sloveni. Inizjalment, dan kien terminu tradizzjonali addizzjonali assoċjat mal-inbid ta’ Kras bħala “inbid ta’ kwalità prodott f’reġjuni speċifiċi”. Sussegwentement, l-isem ġie rrikonoxxut bħala denominazzjoni tal-oriġini protetta (DOP).

L-isem tal-varjetà tal-għeneb tal-inbid “Teran” kien jintuża wkoll fil-Kroazja u għalhekk din tal-aħħar, qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, kienet qajmet it-tħassib tagħha dwar il-possibbiltà li tkun tista’ tibqa’ tuża dan l-isem għat-tikkettar tal-inbejjed tagħha wara l-adeżjoni tagħha minħabba l-protezzjoni diġà mogħtija lill-isem Sloven. Wara din l-adeżjoni, il-Kummissjoni Ewropea kienet ipprovat issib soluzzjoni nnegozjata bejn il-Kroazja u s-Slovenja, iżda mingħajr suċċess. Fl-aħħar, kważi erba’ snin wara l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni, il-Kummissjoni użat is-setgħa tagħha li tadotta deroga fil-qasam tat-tikkettar sabiex tippermetti li d-DOP u l-prattiki eżistenti fil-qasam tat-tikkettar jeżistu flimkien b’mod paċifiku f’sitwazzjoni fejn DOP tkun irreġistrata jew applikabbli [2]. Hija għalhekk adottat id-Regolament ikkontestat sabiex tinkludi l-isem “Teran” fil-lista tal-Anness XV tar-Regolament Nru 607/2009 [3], li kien jinkludi l-lista tal-varjetajiet ta’ nbid tal-għeneb li jinkludu jew li jikkonsistu f’DOP jew f’indikazzjoni ġeografika protetta li setgħu, bħala deroga, jiġu inklużi fuq it-tikkettar tal-inbejjed. Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ikkontestat b’effett retroattiv għad-data tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni, fl-1 ta’ Lulju 2013. Barra minn hekk, mir-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-isem “Teran” jista’ jissemma bħala varjetà ta’ għeneb tal-inbid fuq it-tikketta tal-inbejjed prodotti fil-Kroazja, iżda biss fir-rigward tad-denominazzjoni tal-oriġini “Hrvatska Istra”, u bil-kundizzjoni li “Krvatska Istra” u “Teran” jidhru fl-istess parti viżiva u li l-isem “Teran” jidher b’tipa iżgħar minn dik użata għal “Hrvatska Istra”. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ikkontestat, l-

[1] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1353 tad-19 ta’ Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 607/2009 fir-rigward ta’ varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom li jistgħu jidhru fuq it-tikkettar tal-inbejjed (ĠU 2017, L 190, p. 5).
[2] Inizjalment bis-saħħa tal-Artikolu 118j tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU 2007, L 299, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 97, p. 4) u sussegwentement, b’effett mill-1 ta’ Jannar 2014, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifika fil-ĠU 2020, L 1, p. 5).
[3] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 tal-14 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta’ ċerti prodotti fis-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 193, p. 60).

inbejjed Kroati li jkollhom id-DOP Kroata "Hrvatska Istra" prodotti qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament ikkontestat setgħu jibqgħu jinbiegħu sal-eżawriment tal-istokk.

Insostenn tar-rikors tagħha, is-Slovenja invokat, b'mod partikolari, fid-dawl tal-effett retroattiv tar-Regolament ikkontestat, motivi bbażati fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament Nru 1308/2013 li jikkostitwixxi l-bażi legali tar-Regolament ikkontestat u fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

Minn naħa, fir-rigward tal-bażi legali tar-Regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet effettivament applikat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament Nru 1308/2013 b'mod retroattiv, li ma kienx previst mil-leġiżlatur. Madankollu, kellu jiġi eżaminat jekk din l-applikazzjoni retroattiva kinitx tivvizzja r-Regolament ikkontestat b'difett sostanzjali. F'dan id-dawl, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx użat setgħa ġdida fir-rigward tal-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Jannar 2014. Fil-fatt, dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament Nru 1308/2013 kien jikkostitwixxi t-tkomplija diretta ta' dispożizzjoni simili tar-Regolament Nru 1234/2007 li kienet fis-seħħ u applikabbli fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni [4].

Il-Qorti Ġenerali mbagħad fakkret li d-dispożizzjoni li tikkostitwixxi l-bażi legali ta' att u li tawtorizza lill-istituzzjoni tal-Unjoni tadotta l-att inkwistjoni għandha tkun fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' dan l-att. Għaldaqstant, l-unika bażi legali li fuqha setgħet tibbaża ruħha l-Kummissjoni sabiex tadotta r-Regolament ikkontestat kienet it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament Nru 1308/2013. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni tar-Regolamenti Nru 1234/2007 u Nru 1308/2013 ma kienu jipprevedu ebda limitazzjoni *ratione temporis* fir-rigward tal-azzjoni tal-Kummissjoni. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, wara li kkonstatat li l-Kummissjoni ma setgħetx tadotta r-Regolament ikkontestat qabel l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni, sa fejn ma kellha ebda kompetenza territorjali qabel din id-data, li l-Kummissjoni kienet aġixxiet konformement mal-istruttura u mal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-argument li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' rispett tad-drittijiet kweżiti u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta tat effett retroattiv lir-Regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi l-għoti ta' effett retroattiv lill-atti tal-Unjoni, ħlief f'sitwazzjoni fejn l-għan imfittex mill-att ikkontestat jeżiġi li dan l-att jingħata effett retroattiv u fejn l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati jkunu ġew debitament osservati.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-għan imfittex mir-Regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dan kien intiż li jipproteġi l-prattiki legali fil-qasam ta' tikkettar eżistenti fil-Kroazja fit-30 ta' Ġunju 2013 u li jirregola l-kunflitt bejn dawn il-prattiki u l-protezzjoni tad-DOP Slovena "Teran". Għaldaqstant, ir-Regolament ikkontestat kellu għan ta' interess ġenerali li kien jeħtieġ li jingħata effett retroattiv. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma setgħetx tadotta r-Regolament ikkontestat qabel id-data tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni u kellha tqiegħed lilha nnifisha fil-mument ta' din l-adeżjoni sabiex tevalwa l-eżistenza ta' prattiki ta' tikkettar partikolari. Barra minn hekk, hija setgħet leġittimament tipprova tasal għal soluzzjoni nnegozjata bejn iż-żewġ Stati fid-dawl tan-natura sensittiva tal-kwistjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li tali effett retroattiv kien meħtieġ minħabba l-kontinwità meħtieġa tal-prattiki legali fil-qasam tat-tikkettar.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk il-Kummissjoni setgħetx ħolqot aspettattivi fondati għall-produtturi tal-inbejjed Sloveni fis-sens li ebda deroga b'effett retroattiv ma kienet ser tingħata lill-Kroazja fir-rigward tal-indikazzjoni tal-isem "Teran" fuq it-tikketti tal-inbejjed prodotti fit-territorju tagħha. Wara analiżi taċ-ċirkustanzi inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma setax jiġi konkluż li l-Kummissjoni kienet tat assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti. Hija fakkret li l-għoti ta' effett retroattiv lir-Regolament ikkontestat kien meħtieġ fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża. Skont il-Qorti Ġenerali, is-Slovenja ma kinitx stabbilixxiet li l-portata u l-modalitajiet tal-effett retroattiv tar-Regolament kontenzjuż kienu ppreġudikaw l-aspettattivi leġittimi tal-produtturi tal-inbid Sloveni.

[4] L-Artikolu 118j(3) tar-Regolament Nru 1234/2007.

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal punti ta' liġi, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem min-notifika tagħha.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*